MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2012

Rikors Numru. 1156/2011

**Joseph Muscat**

***kontra***

**Registratur tas-Socjetajiet**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors prezentat fit-22 ta` Novembru 2011 li jaqra hekk –

*Illi l-esponenti kien membru u direttur tas-socjeta`* ***Zoey Co. Ltd.*** *liema socjeta` ggib in-numru (**C-14293**).*

*Illi din is-socjeta` giet imhassra minn fuq ir-registru tas-socjetajiet mizmuma mir-Registratur tas-Socjetajiet, b`effett mis-**26 ta` Ottubru 2011**.*

*Illi ghalkemm huwa minnu li kienu dehru l-avvizi fil-gazzetti tal-gvern lokali u anke fil-Gazzetta tal-Gvern, l-esponent qatt ma kien gie a konjizzjoni tal-ittri mibghuta mir-Registratur tal-Kumpanniji ai termini tal-artikolu 325(1) u (2) tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta, sabiex ikun mgharraf illi r-Registratur kien beda jiehu dawn il-proceduri ta` thassir minn fuq ir-registru tal-kumpanniji.*

*Illi l-esponent ihossu aggravat bil-fatt illi thassret is-socjeta` mir-registru, principalment ghaliex is-socjeta` Zoey Co. Ltd. kienet qabel ma thassret topera n-negozji tal-esponent tant li, minhabba dan li gara l-esponent mhux biss ma jistax jopera imma hu letteralment imwahhal u ma jistax isarraf cheques u/jew jaghmel bank transactions u dan apparti mill-fatt li hemm propjetajiet registrati f`isem il-kumpannija liema sitwazzjoni hi verament ta` inkwiet ghall-esponent.*

*Illi l-esponent kien taht l-impressjoni li l-kumpannija ghadha tezisti fuq ir-registru tant li baqa` jopera l-kumpannija u jinnegozja sal-lum.*

*Illi n-negozji kollha li jmexxi l-esponent huma tramite din is-socjeta` liema haga tispjega l-ghaliex hi vitali li kollox jigi regolarizzat, iktar u iktar meta l-esponent, tramite s-socjeta` tieghu ghandha l-'commitments' taghha li ghandhom jigu onorati.*

*Illi ghalhekk, l-esponent ghandu kull interess illi din il-kumpannija terga` titqieghed fuq ir-Registru tal-Kumpanniji u dana taht il-provvedimenti tal-Artikolu 325(5) tal-Kapitolu 386 dwar il-Kumpanniji, billi l-imsemmija kumpannija ghadha qieghed topera sal-lum.*

***Ghaldaqstant**, l-esponent jitlob bir-rispett, illi dina l-Onorabbli Qorti toghgobha tordna illi s-socjeta` **Zoey Co. Ltd.** terga` tigi registrata fir-Registru tal-Kumpanniji a tenur tal-Artikolu 325(5) tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

Rat ir-risposta guramentata prezentata fl-<u>10 ta` Jannar 2012</u> li taqra hekk –

*Illi l-kumpannija Zoey Limited (C14293) kienet giet registrata fuq ir-Registru tal-Kumpanniji fit-2 ta` Ottubru 1992.*

*Illi mir-registrazzjoni tal-compliance sabiex il-kumpannija de quo tigi regolata mill-Att dwar il-Kumpanniji, il-kumpannija Zoey Limited (C14293) naqset milli tibghat kwalunkwe prospett annwali, kontijiet annwali jew dokumenti perjodici ohra li kumpannija rregistrata kienet obbligata li tipprezenta lir-Registratur ghar-registrazzjoni ai termini ta` l-istess att. Tant hu hekk, li din il-kumpannija wehlet diversi penali kif tipprovdi l-ligi minhabba l-inadempjenzi taghha ma` dawn l-obbligi legali.*

*Illi l-fatt li l-kumpannija in kwistjoni baqghet ma ottemperatx ruhha mal-obbligi legali taghha bhala kumpannija ghal diversi snin kienet raguni bizzejjed biex ir-Registratur tas-Socjetajiet jahseb li din il-kumpannija ma kinitx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 ta` l-Att dwar il-Kumpanniji.*

*In vista tas-suespost, fit-12 ta` Mejju 2011, ir-Registratur tas-Socjetajiet kiteb lill-kumpannija ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji biex javza li l-isem taghha kien ser jithassar minn fuq ir-Registru kemm-il darba ma tintweriex raguni valida biex dan ma jsehhx. Din l-ittra giet lura bil-kumment ‘closed’. Fit-22 ta` Lulju 2011 ittra simili ntbaghtet ukoll lid-direttur fl-indirizz*

*personali tieghu. Dina l-ittra giet lura bil-kumment 'gone away'.*

*Illi minhabba li kien skada bil-kbir it-terminu ta` xahar previst mil-ligi li fih il-kumpannija jew id-direttur taghha setghu jindikaw x`interess ghandhom li l-kumpannija tkompli, ir-Registratur tas-Socjetajiet wasal ghal konkluzjoni ragjonevoli li l-kumpannija ma kinitx qed topera jew tmexxi negozju u lid-direttur tal-istess kumpannija ma kellu l-ebda interess li din il-kumpannija tibqa` fuq ir-registru.*

*Illi ghalhekk ir-Registratur ipproceda bil-pubblikazzjoni ta` avviz fuq il-website mizmuma minnu u f`gazzetta ta` kuljum. Dan l-avviz gie mahrug fis-26 ta` Lulju 2011 u fit-terminu ta` tliet xhur previst mil-ligi la l-kumpannija u la l-uniku direttur taghha u lanqas xi terzi persuni ma nfurmaw lir-Registratur illi kellhom xi interess illi l-kumpannija tibqa` fuq ir-registru. Ghalhekk ir-Registratur tas-Socjetajiet korrettament hassar l-isem tal-kumpannija minn fuq ir-registru b`effett mis-26 ta` Ottubru 2011.*

*Illi kif jidher car mill-fatti suesposti r-rikorrenti kellu bizzejjed cans kemm qabel u kif ukoll wara l-pubblikazzjoni tal-avviz suespost, biex jinfurma lir-Registratur tas-Socjetajiet dwar xi interess li seta` kellu sabiex din il-kumpannija tibqa` fuq ir-registru izda dan baqa` inadempjenti. Huwa tassew sorprendenti kif l-attur qed isostni fil-proceduri odjerni li ghandu interess u sahansitra baqa` jopera n-negozju tieghu permezz tal-kumpannija sal-lum wara li l-isem il-kumpannija gie mhassar definittivament minn fuq ir-Registru ghal kwazi sena.*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, mir-rikors promotur, mhux indikat xejn kif ir-rikorrent ser jirregolarizza l-pozizzjoni tieghu bhala direttur u bhala*

*kumpannija. Di piu`, imkien ma ngabet prova tal-allegat immobbli li allegatament ghadu registrat f`isem il-kumpannija Zoey Limited (C40932).*

*Ghalhekk, ghar-ragunijiet suesposti, ir-Registratur tas-Socjetajiet jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti :*

- *Tichad it-talbiet kif maghmula mir-rikorrent, salv kull provvediment iehor illi din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi partikolari ta` dan il-kaz;*

- *Tordna lir-rikorrent ihallas il-penali kollha dovuti lir-Registratur tas-Socjetajiet skond il-ligi;*

- *Tordna lir-rikorrent ihallas l-ispejjez kollha marbutin ma` din il-kawza;*

- *Minghajr pregudizzju, ghat-tieni u t-tielet talba, f`kaz li dina l-Qorti jidhrilha xieraq u opportun illi l-isem tal-kumpannija jerga` jitpogga fuq ir-registru, ir-Registratur umilment jissolleva illi fis-sentenza ghandu jigi ndikat l-iskop, il-kondizzjonijiet u t-termini mehtiega sabiex il-kumpannija u l-ufficjali taghha jirregolarizzaw il-pozizzjoni taghhom f`terminu mprorogabbli fejn ghandu x`jaqsam l-Att dwar il-Kumpanniji, inkluz li jintbaghtu ghar-registrazzjoni l-kontijiet annwali, il-prospetti annwali u li jihallas dak kollu li hu dovut lir-Registratur tas-Socjetajiet skond il-ligi.*

Rat il-verbal tal-udjenza tat-12 ta` Jannar 2012.

Rat in-nota prezentata fis-16 ta` Marzu 2012 u mahlufa mir-rikorrent fejn ottempera ruhu mad-direzzjoni li taghtu l-Qorti fl-udjenza tat-12 ta` Jannar 2012.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum.

Qieset dak li kien rilevat mid-difensur tal-intimat fl-udjenza tal-lum fis-sens illi fil-mori tad-differiment tal-kawza ir-rikorrent kien ipprezenta l-*annual returns* kollha li kien hemm pendenti, flimkien mal-*financial statements* li l-kumpannija kienet obbligata tul is-snin li tipprezenta lir-Registratur. Maghhom thallsu wkoll l-ammonti kollha illi kienu dovuti lir-Registratur. Ghalhekk min-naha tar-Registratur ma hemm proprju ebda oggezzjoni illi t-talba tar-rikorrent kif dedotta tkun akkolta mill-Qorti.

Rat id-digriet moghti fl-udjenza tal-lum fejn halliet il-kawza ghal-lum stess ghall-provvediment.

**Ikkunsidrat :**

L-Art.325 tal-Kap.386 jirregola l-imgieba tar-Registratur tal-Kumpanniji f`sitwazzjonijiet fejn kollox ikun jindika li kumpannija ma tkunx qeghda topera.

Minn dak li rrizulta fil-kawza tal-lum, din il-Qorti ma ssib xejn x`ticcensura fil-mod kif gab ruhu l-intimat. Se mai jekk kien hemm nuqqas dan huwa imputabbli lill-kumpannija li taghha r-rikorrent kien membru u mill-provi jidher li kien imexxi n-negozju taghha. Nuqqas lampanti fis-sens illi ghalkemm ir-rikorrent ighid li kemm qabel il-kumpannija thassret mir-Registru kif ukoll wara n-negozju taghha baqa` ghaddej, irrizulta li kienet inadempjenti ghal kollox fl-obbligi li kellha versu r-Registratur, li *ex lege* ghandu wkoll funzjoni regolatrici bhal fil-kaz tal-lum.

Ghalkemm ir-rikorrent ighid li qieghed isejjes l-istanza tieghu tal-lum fuq is-subinciz (5) tal-Art.325, fil-fatt id-disposizzjoni rilevanti hija s-subinciz (4) li taqra hekk –

*Jekk membru jew kreditur tal-kumpannija, jew xi persuna ohra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li thossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jkun*

*thassar minn fuq ir-Registru bis-sahha ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors maghmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-ohra, qabel ma jghaddu hames mill-pubblikazzjoni ta' l-avviz tat-thassir … tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru, tordna li dak l-isem jerga` jidhol fir-registru, u mal-konsenja ta' kopja ufficjali ta' l-ordni mir-Registratur tal-Qrati lir-Registratur ghar-registrazzjoni, il-kumpannija ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar, u l-Qorti tista' bl-ordni taghha taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpannija u l-persuni l-ohra kollha jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista' jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar. Ir-Registratur ghandu minnufih jghaddi biex jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta u l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.*

Dan premess, din il-Qorti tghid illi mhuwiex kontestat illi r-rikorrent huwa membru tal-kumpannija in kwistjoni.

Din il-Qorti tinnota li r-rikorrent kien pront jittenta din il-procedura fis-sens illi ha azzjoni ftit xhur biss wara l-pubblikazzjoni tal-avviz mir-Registratur. Ir-rikorrent kellu zmien hames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviz sabiex jagixxi. Il-fatt li kien tempestiv fit-tehid tal-azzjoni huwa indikazzjoni ghal din il-Qorti illi t-thassir tal-isem tal-kumpannija mir-Registru fil-fatt kellu konsegwenzi tassew negattivi fuq dak li kien in-negozju taghha, thassir li din il-Qorti terga` tghid ma ghandux jigi imputat ghal nuqqas da parti tar-Registratur.

Din il-Qorti qieset ic-cirkostanzi ta` fatti u l-provi l-ohra li jinsabu in atti u tghid illi hija sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija *de qua* jerga` jidhol fir-registru. Hija hekk sodisfatta wkoll ghaliex kif kien rilevat mir-rapprezentant tal-intimat illum l-atti li s-socjeta` kellha

tibghat lir-Registratur skond il-ligi llum huma regolarizzati u sahansitra kull dritt jew penali dovuti lir-Registratur gew saldati. Infatti l-intimat ma ghadux qieghed jopponi li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.

**Din il-Qorti qeghda tinsisti mar-rikorrent li bil-fatt illi sejra tordna li l-isem tal-kumpannija de qua jerga` jidhol fir-Registru b`ebda mod ma jfisser illi min huwa jew se jkun responsabbli ghall-kumpannija *de qua* qieghed jinghata *carte blanche* sabiex mill-ghada li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-Registru jkun jista` jerga` jaghmel li jrid u jittraskura ghal kollox l-obbligi li ghandu skond il-ligi. Ghaliex jekk dan jigri mill-gdid, minghajr l-ebda raguni valida, gustifikata jew li taghmel sens, din il-Qorti certament tahsibha xort`ohra u mhux sejra tonqos li tezercita d-diskrezzjoni taghha diversament. *Del resto* il-Qorti trid taccerta ruhha li bil-fatt illi l-isem jerga` jidhol fir-Registru, il-kumpannija tkun qeghda tidhol lura fil-binarji tar-regolarita` u tal-legalita` minghajr ma jkun hemm ghalfejn ir-Registratur bhala regolatur jagixxi minhabba l-inadempjenzi taghha.**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talba tar-rikorrent kif gej –**

**1) Tordna li l-isem Zoey Co. Ltd. li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C14293 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex sa zmien ghaxart ijiem mil-lum jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji kopja ufficjali ta` l-ordni li permezz taghha l-isem Zoey Co. Ltd. li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C14293 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**3) Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex sa zmien ghaxart ijiem mid-data li fiha tkun konsenjata lilu mir-Registratur tal-Qrati kopja ufficjali ta` l-ordni li permezz taghha l-isem Zoey Co. Ltd. li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C14293 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji sabiex jippubblika avviz fil-Gazzetta tal-Gvern jew fuq *website* mizmuma mir-Registratur u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta.**

**4) Tordna lir-rikorrent sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza u kwalsiasi spejjez ohra li jkunu mehtiega sabiex l-isem tal-kumpannija jkun Zoey Co. Ltd. (C14293) jerga` jidhol fir-Registru.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------